32003R1813

16.10.2003 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 265/23

# IR-REGOLAMENT TAL-KUMISSJONI (KE) Nru 1813/2003

## tal-15 ta' Ottubru 2003

## li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2273/93 li jistabilixxi ċ-ċentri ta' intervent għaċ-ċereali

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 tat-30 ta' Ġunju 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali ([1]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1104/1999 ([2]), u partikolarment l-Artikolu 5 tiegħu,

billi:

(1) Iċ-ċentri ta' intervent huma mniżżla fl-l-Anness għar-Regolament tal-Kummissjoni(KEE) Nru 2273/93 ([3]), kif l-aħħar emendati bir-Regolament (KE) Nru 1938/2002 ([4]). Ċerti Stati Membri issottomettew talbiet biex isiru emendi lil xi wħud minn dawk iċ-ċentri.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2273/93 għandu jkun hekk emendat.

(3) Il-miżuri disposti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaċ-Ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness għar-Regolament (KEE) Nru 2273/93 huwa hawnhekk emendat skond l-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-15 ta' Ottubru 2003.

*Għall-Kummissjoni*
Franz FISCHLER
*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 181, ta' l-01.07.92, p. 21.
([2]) ĠU L 158, tas-27.06.03, p. 1.
([3]) ĠU L 207, tat-18.08.93, p. 1.
([4]) ĠU L 297, tal-31.10.02, p. 6.

*L-ANNESS*

L-Anness mar-Regolament (KEE) Nru 2273/93 huwa emendat kif ġej:

1. Fit-taqsima BUNDESREPUBLIK DEUTSCHLAND-Schleswig-Holstein, iċ-ċentru "Burg auf Fehmarn" jinagħta l-isem ġdid ta' "Fehmarn".
2. Fit-taqsima SUOMI/il-FINLANDJA, iċ-ċentru "Loviisa" huwa sostitwit minn "Kaipiainen".
3. Fit-taqsima Franza, fid-dipartiment "Loiret-45", "qamħirrum" huwa mħassar miċ-ċentru "Patay" u "xgħir" huwa miżjud għal maċ-ċentru "Meung-sur-Loir".